**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Settembru 2013 — Orange vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-258/10)** ([1])

***("Għajnuna mill-Istat — Kumpens għal spejjeż ta' servizz pubbliku fil-kuntest ta' proġett ta' netwerk ta' komunikazzjonijiet elettroniċi b'veloċità qawwija fid-dipartiment tal-Hauts-de-Seine — Deċiżjoni li tikkonstata l-assenza ta' għajnuna — Assenza ta' ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali — Diffikultajiet serji — Sentenza Altmark — Servizz ta' importanza ekonomika ġenerali — Falliment tas-suq — Kumpens żejjed")***

(2013/C 336/35)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Orange, li kienet France Télécom (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: inizjalment M. van der Woude u D. Gillet, sussegwentement D. Gillet u H. Viaene, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Stromsky u C. Urraca Caviedes, aġenti)

*Intervenjenti insostenn tal-konvenuta:* Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: inizjalment G. de Bergues u J. Gstalter, sussegwentement D. Colas u J. Bousin, aġenti); Dipartiment tal-Hauts-de-Seine (Franza) (rappreżentanti: J.-D. Bloch u G. O'Mahony, avukati); u Sequalum SAS (Puteaux, Franza) (rappreżentant: L. Feldman, avukat)

**Suġġett**

Talba għal annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 7426 finali, tat-30 ta' Settembru 2009, dwar il-kumpens għal spejjeż ta' servizz pubbliku għall-istabbiliment u l-użu ta' netwerk ta' komunikazzjonijiet elettroniċi b'veloċità qawwija fid-dipartiment tal-Hauts-de-Seine, (għajnuna mill-Istat N 331/2008 — Franza).

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Orange għandha tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

(3) *Id-dipartiment tal-Hauts-de-Seine, Sequalum SAS u r-Repubblika Franċiża għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.*

([1]) ĠU C 234, 28.8.2010.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Settembru 2013 — Iliad et vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-325/10)** ([1])

***("Għajnuna mill-Istat — Kumpens għal spejjeż ta' servizz pubbliku fil-kuntest ta' proġett ta' netwerk ta' komunikazzjonijiet elettroniċi b'veloċità qawwija ħafna fid-département des Hauts-de-Seine — Deċiżjoni li tikkonstata l-assenza ta' għajnuna — Assenza ta' ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali — Diffikultajiet serji — Sentenza Altmark — Servizz ta' interess ekonomiku ġenerali — Nuqqas fis-suq — Kumpens eċċessiv")***

(2013/C 336/36)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Iliad (Pariġi, Franza); Free infrastructure (Pariġi) u Free (Pariġi) (rappreżentant: T. Cabot, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Stromsky u C. Urraca Caviedes, aġenti)

*Intervenjenti insostenn tal-konvenuta:* Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: inizjalment G. de Bergues u J. Gstalter, sussegwentement D. Colas u J. Bousin, aġenti); ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentanti: inizjalment M. Szpunar u B. Majczyna, sussegwentement B. Majczyna, aġenti); u d-département des Hauts-de-Seine (Franza) (rappreżentanti: J. D. Bloch u G. O'Mahony, avukati)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 7426 finali, tat-30 ta' Settembru 2009, dwar il-kumpens għal spejjeż ta' servizz pubbliku għall-istabbiliment u l-użu ta' netwerk ta' komunikazzjonijiet elettroniċi b'veloċità qawwija ħafna fid-département des Hauts-de-Seine (għajnuna mill-Istat N 331/2008 — Franza).

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Iliad, Free infrastructure u Free għandhom ibatu kemm l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

(3) *Id-département des Hauts-de-Seine, ir-Repubblika Franċiża u r-Repubblika tal-Polonja għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.*

([1]) ĠU C 288, 23.10.2010.